SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

16 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża C-351/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Lulju 2010, fil-proċedura

Zollamt Linz Wels

vs

Laki DOOEL,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann, L. Bay Larsen, C. Toader (Relatur) u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Laki DOOEL, minn R. Burghofer, avukat,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Elleniku, minn K. Paraskevopoulou u I. Pouli, kif ukoll minn I. Bakopoulos, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 555(1)(ċ) u 558(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 993/2001, tal-4 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 11, p. 286, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni"), kif ukoll tal-Artikolu 61 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-'VAT'").

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn Zollamt Linz Wels (uffiċċju doganali ta' Linz Wels) u Laki DOOEL (iktar 'il quddiem "Laki"), impriża tat-trasport stabbilita f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, dwar id-dazji doganali u t-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") fuq l-importazzjoni mitluba lil din l-impriża għall-importazzjoni ta' vettura u ta' trejler fit-territorju tal-Unjoni, taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Kodiċi Doganali

3 Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3F, tal-Kapitolu 2, tat-Titolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta'Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 10, p. 239, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), jistabbilixxu r-regoli tal-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni.

4 L-Artikolu 137 tal-Kodiċi Doganali, li jidher taħt dan it-Titolu IV, jipprovdi:

"Il-proċedura ta' importazzjoni temporanja għandha tippermetti l-użu fit-territorju doganali tal-Komunità, b'eżenzjoni totali jew parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni u mingħajr ma jiġu soġġetti għal miżuri ta' politika kummerċjali ta' merkanzija mhux tal-Komunità maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mingħajr ma jkun sarilhom xi tibdil ħlief deprezzament normali minħabba l-użu li jsir minnhom."

5 Il-Kapitolu 2, tat-Titolu VII tal-Kodiċi Doganali jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar it-tnissil tad-dejn doganali.

6 L-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, li jidher taħt it-Titolu VII, jipprovdi:

"1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

a) tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu,

jew

b) tan-nuqqas ta' konformità ma' kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt dik il-proċedura jew l-għoti ta' rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta' dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu finali tal-merkanziji,

[…]

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors jew fil-mument meta l-obbligazzjoni li n-nuqqas ta' l-eżekuzzjoni tagħha tagħti lok għad-dejn doganali ma tiġix issodisfata jew fil-mument meta l-merkanziji jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali involuta fejn jiġi stabbilit sussegwentement li kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt l-imsemmija proċedura jew l-għoti ta' rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta' dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu finali tal-merkanziji ma ġietx fil-fatt issodisfata."

7 L-Artikolu 215 tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"1. Dejn doganali għandu jiġi inkors:

— fil-post fejn jiġru l-avvenimenti li minnhom joħroġ.

[…]"

Ir-Regolament ta' implementazzjoni

8 L-Artikolu 232 tar-Regolament ta' implementazzjoni jistabbilixxi r-regoli dwar il-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali b'mod partikolari tal-mezzi tat-trasport. Dan jaqra kif ġej:

"1. Dan li ġej, fejn mhux iddikkajrat lid-dwana jew bil-miktub jew b'mod verbali, għandu jiġi kkunsidrat li ġie ddikkjarat għal importazzjoni temporanja bl-att imsemmi fl-Artikolu 233, suġġett għall-Artikolu 579:

[…]

b) il-mezzi tat-trasport imsemmija fl-Artikoli 556 sa 561:

[…]"

9 Is-Subsezzjoni 1, tat-Taqsima 2, tal-Kapitolu 5, tat-Titolu III tar-Regolament ta' implementazzjoni, li jinkludi l-Artikoli 555 sa 562, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni f'dak li jikkonċerna l-mezzi ta' trasport li jaqgħu taħt il-proċedura doganali tal-importazzjoni temporanja.

10 L-Artikolu 555 tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi:

"1. Għall-finijiet ta' din is-subsezzjoni:

[…]

ċ) 'traffiku intern' tfisser il-ġarr ta' persuni jew oġġetti miġbura jew mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità biex jitniżżlu jew jinħattu f'post f'dak it-territorju.

[…]"

11 L-Artikolu 558 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandhom jingħataw għal mezzi ta' trasport bit-triq, ferrovija, ajru, baħar u trasport minn kanali nterni ta' l-ilma fejn huma:

[…]

ċ) fil-każ ta' użu kummerċjali u bl-eċċezzjoni ta' mezz ta' trasport tal-ferrovija, huma wżati esklussivament għal trasport li jibda jew jintemm barra t-territorju doganali tal-Komunità; iżda, jistgħu jintużaw fi traffiku intern fejn id-disposizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tat-trasport, partikolarment dawk li jikkonċernaw id-dħul u l-operazzjonijiet, hekk jipprovdu.

[…]"

Id-Direttiva tal-"VAT"

12 F'dak li jikkonċerna l-VAT fuq l-importazzjoni ta' merkanzija, l-Artikolu 61 tad-Direttiva tal-"VAT" jipprovdi:

"Bħala deroga mill-Artikolu 60, fejn, malli tidħol fil-Komunità, merkanzija li mhijiex f'ċirkolazzjoni ħielsa titqiegħed taħt wieħed mill-arranġamenti jew sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 156, jew taħt arranġamenti għal importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali minn dazju ta' importazzjoni, jew taħt arranġamenti ta' transitu esterni, il–post ta' importazzjoni ta' tali merkanzija għandu jkun l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-merkanzija ma tibqax koperta minn dawk l-arranġamenti jew sitwazzjonijiet.

[…]"

Is-sistema ta' awtorizzazzjoni "KEMT"

13 B'riżoluzzjoni tal-14 ta' Ġunju 1973, il-Kunsill tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (KEMT), li huwa kompost minn 42 membru, fosthom l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, stabbilixxa sistema ta' kwota ta' ġarr internazzjonali tal-merkanzija

bit-triq bejn l-Istati Membri. Din is-sistema tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni fuq il-bażi ta' kull kwota nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni 'KEMT'").

14 Mill-formula relattiva għal din l-awtorizzazzjoni, annessa mal-manwal tal-użu tal-imsemmija kwota jirriżulta li din tippermetti l-ġarr kummerċjali tal-merkanzija bejn il-postijiet tat-tagħbija u tal-ħatt li jinsabu fil-pajjiżi membri tal-imsemmija Konferenza kif ukoll iċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi mhux mgħobbija fit-territorji kollha ta'dawn il-pajjiżi.

Id-dritt nazzjonali

15 Mid-deċiżjoni ta' rinviju jirriżulta li, skont l-Artikolu 7(1) tal-liġi fuq il-ġarr tal-merkanzija bit-triq (Güterbeförderungsgesetz, BGBl. 593/1995, iktar 'il quddiem il-"GütbefG"), it-trasportaturi li, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun stabbilita l-impriża tagħhom, jistgħu jġorru merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur u huma proprjetarji, fost oħrajn, ta' awtorizzazzjoni "KEMT", għandhom id-dritt li jġorru lejn jew minn ġot-territorju federali jew minn postijiet fit-territorju federali lejn barra mill-pajjiż.

16 Skont l-Artikolu 9(1) tal-GütbefG, it-trasportatur għandu jiżgura li, matul kull ġarr transkonfinali tal-merkanzija, id-dokumenti li jiċċertifikaw awtorizzazzjonijiet meħtieġa bl-Artikolu 7(1) ta' din il-liġi, debitament mimlija u, fejn meħtieġ, awtorizzati mill-awtorità kompetenti, ikunu jinstabu fil-vettura. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9(2) tal-GütbefG, is-sewwieq huwa marbut, matul il-ġarr transkonfinali tal-merkanzija u matul il-vjaġġ kollu, li jkollu dawn l-istess dokumenti u li jippreżentahom lill-awtoritajiet li jwettqu kontrolli meta dawn jitolbuhomlu.

Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fl-14 ta' April 2008, vettura bit-trejler li tappartjeni lil Laki daħlet vojta fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni. Din il-vettura u t-trejler tagħha kienu suġġetti għal awtorizzazzjoni "KEMT" għall-ġarr ta' merkanzija bejn l-Isvezja u l-Ġermanja.

18 Fl-Isvezja, din il-vettura ġiet mgħobbija bil-merkanzija iddestinata għall-Ġermanja u għall-Awstrija. Il-merkanzija ttrasportata l-Ġermanja tħattet l-ewwel. Fl-Awstrija, tħattet il-merkanzija l-oħra u l-imsemmija vettura tgħabbiet b'merkanzija sabiex tiġi ttrasportata fl-Isvezja. Waqt li kienet qed taqsam il-fruntiera Awstrijaka, sar kontroll fuq din il-vettura mill-awtoritajiet doganali Awstrijaċi.

19 Fi tmiem dan il-kontroll, iz-Zollamt Linz Wels ikkunsidrat li l-vettura inkwistjoni ma kellhiex awtorizzazzjoni għall-ġarr ta' merkanzija fl-Awstrija u li, bħala konsegwenza, Laki ma osservatx il-kundizzjonijiet ta' importazzjoni temporanja ta' din il-vettura b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni. Huwa talab lil din l-impriża għad-dazji doganali, li jammontaw għal EUR 7 524, kif ukoll il-VAT fuq l-importazzjoni, li tammonta għal EUR 10 909, għall-imsemmija vettura u t-trejler tagħha.

20 Laki ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni taz-Zollamt Lins Wels quddiem l-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz, fejn ikkontestat il-legalità tagħha. Din il-qorti laqgħet ir-rikors billi qieset li d-dejn doganali kien tnissel minn ksur marbut man-nuqqas ta' awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija lejn l-Awstrija u li dan il-ksur twettaq fl-Isvezja, peress li l-merkanzija kkonċernata kienet tgħabbiet f'dan l-Istat Membru. Bħala konsegwenza, skont l-imsemmija qorti, huma dawn l-awtoritajiet doganali Svediżi li għandhom jitolbu d-dazji fuq l-importazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

21 Iz-Zollamt Linz Wels ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz, quddiem il-Verwaltungsgerichtshof.

22 Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont l-Artikolu 558(1)(ċ) tar-Regolament ta' implementazzjoni, eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni, għall-vetturi użati fit-traffiku intern, tingħata biss jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tat-trasport, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' aċċess u ta' eżekuzzjoni tagħhom, jippermettu l-użu fit-territorju tal-Istat ikkonċernat.

23 Hija tikkunsidra wkoll li, sabiex jiġi stabbilit liema huma l-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkonstataw ksur eventwali ta' din id-dispożizzjoni tar-regolament ta' implementazzjoni, għandu jiġi ddefinit il-kunċett ta' traffiku intern li jidher fl-imsemmija dispożizzjoni.

24 F'dan ir-rigward, il-Verwaltungsgerichtshof jirreferi għas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2004, Siig (C-272/03, Ġabra p. I-11941), li fiha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sabiex jiġi stabbilit jekk l-użu ta' vettura jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni, l-element determinanti ma huwiex id-destinazzjoni finali tal-merkanzija, iżda l-ġarr imwettaq. Il-qorti tar-rinviju madankollu tenfasizza li din is-sentenza hija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 670 tar-Regolament ta' implementazzjoni fil-verżjoni tiegħu, bil-lingwa Ġermaniża, fis-seħħ qabel dik li tirriżulta mir-Regolament Nru 993/2001, li kien jiddefinixxi t-traffiku intern bħala "it-trasport ta' [...] merkanzija miġbura jew mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità u [...] jinħattu f'post f'dak it-territorju", filwaqt li l-Artikolu 555 tar-Regolament ta' implementazzjoni, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiddefinixxi t-traffiku intern bħala "il-ġarr ta' [...] oġġetti miġbura jew mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità biex jitniżżlu [...] f'post f'dak it-territorju".

25 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk din il-modifika tistax ikollha effetti fuq id-definizzjoni tal-kriterji ta' determinazzjoni fl-Istat li fih ikun seħħ il-ksur u għaldaqstant fuq l-għażla tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkonstatawha. Hija tistaqsi b'mod partikolari jekk il-modifika tistax tiġi interpretata bħala "issikkar" tal-leġiżlazzjoni preċedenti, fis-sens li l-fatt li titgħabba merkanzija f'vettura sabiex tiġi ttrasportata mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa, u li jinbeda dan it-trasport diġà tikkostitwixxi traffiku intern irregolari u għaldaqstant, jekk id-dejn doganali jitnissilx fl-Istat fejn jibda l-ġarr. Hija tenfasizza li d-definizzjoni l-ġdida tal-kunċett ta' traffiku intern, stabbilit fl-Artikolu 555 tar-Regolament ta' implementazzjoni, jista' wkoll jiġi interpretat bħala li jillaxka l-kundizzjonijiet stabbiliti bil-leġiżlazzjoni preċedenti, fis-sens li t-traffiku intern irregolari jkun ikkostitwit meta l-ġarr u l-ħatt fl-Istat Membru mhux kopert bl-awtorizzazzjoni jkunu tlestew. Skont tali interpretazzjoni, id-dejn doganali jitnissel biss fl-Istat Membru destinatarju tal-merkanzija kkonċernata.

26 Wara li kkunsidrat dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Verwaltungsgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 558(1) flimkien mal-Artikolu 555(1)(ċ) tar-Regolament tal Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-(Regolament ta' implementazzjoni), għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun hemm użu illegali [irregolari] ta' mezz ta' trasport fit-traffiku intern ladarba jkun hemm it-tagħbija tal-mezz ta' trasport u l-bidu tat-trasport, fil-każijiet fejn tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni ta' traffiku intern bejn żewġ Stati Membri lill-vettura għall-użu kummerċjali, fejn it-tagħbija sseħħ f'wieħed minn dawn iż-żewġ Stati Membri, iżda d-destinazzjoni (il-post tal-ħatt) tinsab fi Stat Membru ieħor u ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni fir rigward ta' dan l-Istat l-ieħor?

2) Fil-każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l Artikolu 204(1)(a) flimkien mal-Artikolu 215 (tal-Kodiċi Doganali), għandu jiġi interpretat fis-sens

li, f'dan il-każ, id-dejn doganali jitnissel fl-Istat Membru ta' tagħbija u li dan l-Istat Membru huwa kompetenti jiġbor id-dazji fuq l-importazzjoni minkejja li huwa biss matul il-ħatt li jiġi stabbilit li t-trasport seħħ fi Stat Membru li fir-rigward tiegħu ma hemm ebda awtorizzazzjoni għall-użu tat-traffiku intern?

3) Fil-każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda, barra minn hekk, l-Artikolu 61 tad-Direttiva (tal-VAT), għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'dan il-każ, l-importazzjoni ssir fl-Istat Membru tat-tagħbija u li dan l-Istat Membru huwa kompetenti jiġbor [il-VAT] għall-importazzjoni, minkejja li huwa biss matul il-ħatt li jiġi stabbilit li t-trasport seħħ fl-Istat Membru li fir-rigward tiegħu ma hemm ebda awtorizzazzjoni għall-użu tat-traffiku intern?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

27 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 555(1), u 558(1)(ċ) tar-Regolament ta' implementazzjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-użu irregolari ta' vettura, irreġistrata fi Stat terz, li tħalliet tidħol fit-traffiku intern ta' żewġ Stati Membri tal-Unjoni taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 137 tal-Kodiċi Doganali, u li ħattet merkanzija f'tielet Stat Membru, bi ksur tar-regoli tat-trasport applikabbli f'dan l-Istat, għandux jitqies bħala li ġie kkostitwit mill-mument tat-tagħbija tal-merkanzija jew fil-mument tal-ħatt tagħha.

28 Din il-qorti b'mod partikolari tistaqsi liema huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jiġbru, fis-sens tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, id-dazji fuq l-importazzjoni għal tali vettura.

29 Sabiex jiġi stabbilit l-Istat Membru li fih seħħet l-ineżekuzzjoni tal-obbligi li għalihom huwa suġġett il-benefiċċju tal-proċedura ta' importazzjoni temporanja ta' vettura b'eżenzjoni totali tad-dazji fuq l-importazzjoni u l-Istat Membru li fih il-proprjetarju tagħha għandu jħallas id-dazji doganali, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 558(1)(ċ) tar-Regolament ta' implementazzjoni, tali eżenzjoni hija mogħtija għall-mezzi ta' trasport bit-triq mhux biss meta jintużaw esklużivament għal ġarr li jibda jew li jintemm barra t-territorju doganali, iżda wkoll meta dawn jintużaw fit-traffiku intern, jiġifieri għall-ġarr ta' merkanzija li jibda jew li jintemm fi ħdan it-territorju doganali. F'din l-aħħar ipoteżi, il-vettura tista' biss tintuża għat-traffiku intern jekk tali ġarr ma huwiex ipprojbit bid-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kundizzjonjiet ta' aċċess u ta' eżekuzzjoni tiegħu.

30 Bħala konsegwenza, l-eżenzjoni totali tad-dazji doganali għal vettura użata fit-traffiku intern hija suġġetta b'mod partikolari għall-kundizzjoni li l-ġarr ta' merkanzija li tinsab fil-vettura huwa awtorizzat fl-Istati Membri kollha li fihom tintuża din il-vettura.

31 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali daħlet vojta fit-territorju doganali tal-Unjoni b'awtorizzazzjoni "KEMT" għall-ġarr ta' merkanzija bejn l-Isvezja u l-Ġermanja u li, fl-Isvezja, hija ġiet mgħobbija bil-merkanzija ddestinata mhux biss għall-Ġermanja, iżda wkoll għall-Awstrija. F'dan l-aħħar Stat Membru, it-trasportatur wettaq, mingħajr ma kellu l-awtorizzazzjoni "KEMT", il-ħatt tal-merkanzija kkonċernata, imbagħad għabba l-vettura b'merkanzija sabiex tinġarr għall-Isvezja.

32 Bħala konsegwenza, tqajmet il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza sabiex jinġabru d-dazji fuq l-importazzjoni għall-imsemmija vettura taqax fuq l-awtoritajiet tar-Renju tal-Isvezja, l-Istat Membru li fih tgħabbiet il-merkanzija kkonċernata, jew inkellha taqax fuq l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Awstrija, l-Istat Membru li fih il-vettura tivvjaġġa bi ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u fejn l-imsemmija merkanzija jew parti minnha inħattet b'mod irregolari.

33 Mill-Artikolu 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali jirriżulta, minn naħa, li l-ineżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li għalihom huwa suġġett il-benefiċċju tal-proċedura ta' eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni ta' merkanzija fit-territorju tal-Unjoni tnissel dejn doganali u, min-naħa l-oħra, mill-imsemmi Artikolu 204(2), li dan id-dejn jitnissel fil-mument fejn wieħed minn dawn l-obbligi ma jibqax jiġi sodisfatt. Barra minn hekk, b'konformità mal-Artikolu 215 tal-Kodiċi Doganali, id-dejn doganali jitnissel fil-post fejn iseħħu l-fatti li jnissluh u għaldaqstant, f'każ bħalma huwa dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-post fejn twettqet l-irregolarità.

34 Sabiex jiġi stabbilit liema huma l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġbru d-dazji fuq l-importazzjoni għall-vettura kkonċernata, għandu għaldaqstant jiġi stabbilit liema huwa l-att li ta lok għall-ineżekuzzjoni tal-obbligi tal-proprjetarju ta' din il-vettura, billi qiegħda 'l barra mis-sistema ta' traffiku intern. Bħala konsegwenza, hemm lok li jiġi kkonstatat jekk l-irregolarità tikkonsistix fit-tagħbija tal-merkanzija ddestinata għal Stat Membru fejn il-vettura ma kinitx awtorizzata twettaq ġarr kummerċjali ta' merkanzija jew jekk din l-irregolarità sseħħx fil-mument tal-mogħdija mill-fruntiera tal-Istat Membru li fih il-vettura tintuża bi ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, jew inkella matul il-ħatt tal-merkanzija fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat.

35 Hekk kif ġie osservat ġustament mill-Kummissjoni, għall-finijiet tat-tnissil ta' dejn doganali, l-intenzjoni waħedha li tintuża merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'mod ieħor li mhux skont il-qafas tal-kundizzjonijiet li għalihom din hija suġġetta ma hijiex ksur fiha nfisha sakemm din l-intenzjoni ma

tiġix riflessa permezz ta' att jew ommissjoni li, oġġettivament, jikkostitwixxi ksur għar-regoli applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, D. Wandel, C-66/09, Ġabra p. I-873, punt 48).

36 Għaldaqstant, sabiex tiġi kkonstatata l-irregolarità mwettqa bl-użu ta' vettura esportata taħt il-proċedura ta' eżenzjoni totali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-ġarr imwettaq minn din il-vettura. Huma għaldaqstant mingħajr rilevanza kemm id-destinazzjoni finali tal-merkanzija kif ukoll, b'mod ġenerali, l-intenzjonijiet possibbli tal-proprjetarju ta' din il-vettura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Siig, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20). Bħala konsegwenza, irregolarità fl-użu tal-imsemmija vettura għandha tiġi kkonstatata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-vjaġġi mwettqa minn din il-vettura biss.

37 F'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li l-irregolarità twettqet meta l-vettura kkonċernata ħarġet effettivament mis-sistema tat-traffiku intern li għalih hija tħalliet tidħol fit-territorju tal-Unjoni, billi wettqet, fit-territorju tar-Repubblika tal-Awstrija, ġarr kummerċjali li ma baqax jikkorrispondi għal dak previst bl-awtorizzazzjoni "KEMT" u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet li għalihom huwa ssuġġettat tali ġarr skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dan l-Istat. Il-fatt li l-merkanzija mgħobbija f'din il-vettura fl-Isvezja kienet iddestinata li tiġi ttrasportata fl-Awstrija, mingħajr ma t-trasportatur ikollu tali awtorizzazzjoni, ma tikkostitwixxix irregolarità peress li din il-vettura ma kinitx għaddiet mill-fruntiera minn dan l-aħħar Stat, li fih din il-vettura ma setgħetx twettaq ġarr kummerċjali.

38 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-Artikolu 670 tar-Regolament ta' implementazzjoni, fil-verżjoni tiegħu preċedenti għal dik applikabbli fil-kawża prinċipali, li ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Siig, iċċitata iktar 'il fuq, iddefinixxa t-traffiku intern bħala li huwa "it-trasport ta' […] merkanzija miġbura jew mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità u […] jinħattu f'post f'dak it-territorju". Minnaħa l-oħra, l-Artikolu 555 tar-Regolament ta' implementazzjoni, attwalment fis-seħħ, jiddefinixxi t-traffiku intern bħala li huwa "il-ġarr ta' […] oġġetti miġbura jew

mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità biex […] jinħattu f'post f'dak it-territorju". Din il-qorti tistaqsi jekk tali emenda għandhiex effetti fuq id-definizzjoni tal-kriterji sabiex jiġi stabbilit l-Istat li fih seħħ il-ksur u għaldaqstant fuq l-għażla tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkonstataw dan. Hija tistaqsi fuq il-punt dwar jekk minn din l-emenda tat-test tirriżultax l-introduzzjoni ta' element intenzjonali fid-definizzjoni tat-traffiku intern.

39 F'dan ir-rigward, hekk kif osservaw il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, il-bidla, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament ta' implementazzjoni, ta' frażijiet użati sabiex jiddefinixxu l-kunċett ta' traffiku intern meta mqabbla ma' dawk li jidhru fl-imsemmi Artikolu 670 ma tibdilx il-kontenut ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, f'każ ta' diverġenzi bejn verżjonijiet lingwistiċi diversi ta' test tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata abbażi tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma element minnha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' April 2010, M *et*, C-340/08, Ġabra p. I-3913, punt 44). Hekk kif jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 555 li tibbaża l-konstatazzjoni tal-irregolarità fuq l-intenzjoni tat-trasportatur ma hijiex kompatibbli mal-istruttura tal-leġiżlazzjoni li fiha tinsab din id-dispożizzjoni.

40 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-bidla litterali tad-dispożizzjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju, tinsab biss f'ċertu verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament ta' implementazzjoni, bil-biċċa l-kbira tagħhom ma bidlux din il-frażi tal-Artikolu 670 tar-Regoalment ta' implementazzjoni.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 555(1) u 558(1)(ċ) tar-Regolament ta' implementazzjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-irregolarità fl-użu ta' vettura importata fl-Unjoni taħt il-proċedura ta' eżenzjoni totali tad-dazji doganali u użata fit-traffiku intern għandha titqies li seħħet fil-mument tal-mogħdija mill-fruntiera tal-Istat Membru li fih il-vettura tintuża bi ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam

tat-trasport, jiġifieri, meta jkun hemm nuqqas ta' awtorizzazzjoni għall-ħatt mill-Istat Membru fejn isir il-ħatt, bl-awtoritajiet ta' dan l-Istat ikunu kompetenti sabiex jiġbru l-imsemmija dazji.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

42 Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni u t-tielet domanda, peress li, fil-fatt, dawn saru mill-qorti tar-rinviju f'każ fejn tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

Fuq l-ispejjeż

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 555(1) u 558(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 993/2001,

tal-4 ta' Mejju 2001, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-irregolarità fl-użu ta' vettura importata fl-Unjoni Ewropea taħt il-proċedura ta' eżenzjoni totali tad-dazji doganali u użata fit-traffiku intern għandha titqies bħala kkostitwita fil-mument tal-mogħdija mill-fruntiera tal-Istat Membru li fih il-vettura tintuża bi ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tat-trasport, jiġifieri, meta jkun hemm nuqqas ta' awtorizzazzjoni għall-ħatt mill-Istat Membru fejn isir il-ħatt, bl-awtoritajiet ta' dan l-Istat ikunu kompetenti sabiex jiġbru l-imsemmija dazji.

Firem